## HSIEB FIX-XTAJTA

*Ta'* Manwel u Josephine Cassar

Ġa bdiet is-sħana u fuq ir-ramla t-tajfa
Tan-nies għaġġlet tintafa' għax-xemx tas-saħħa
Jew ġewwa l-ilma għal-frisk tal-baħar. Sielem
Is-sajf f'St. Kilda

Hawn fl-art, b'Daniel maġenbna ħsiebna mxierek
Itir lejn żmien l-imgħoddi meta x-xrara
Ta' mħabba daħlet f'qalbna għall-ewwel darba
Sal-lum li tkebbset!

Fi ħġejjeġ kbar; u j'tina li nistaqsu:
Li kieku ta' dix-xtajta, waħda, waħda,
Kellha tingħadd l-għabra ta' deh'b ir-ramel,
Fina bħall-oħra

Ta' ġewnaħ il-farfett ferħan ta' Mejju,
Kien jisboq dan il-għadd 'l-ieħor tal-baħar
Kieku jitqattar kollu qatra, qatra,
Bħan-nida mġawhra?

Dak li mill-qawwa ta' setegħtu ferrex,
Kemm tmidd il-ħarsa r-Ramla ta' St. Kilda
U ferragħ l-ilma għal dawn l-għawwiema hienja
Biss waħdu jaf:

Biss waħdu jaf ukoll għal kemm-il darba
Aktar mill-għadd tar-ramel u tal-baħar,
Ta' nar l-imħabba li xegħilna qalbna
Iħaġġu ilsna.

*St. Kilda, l-Awstralja.*
*Il-Ħadd, 15.12.1956.*

## IMĦABBA DEJJIEMA

*Ta'* Vincent Caruana

Ma' sebgħa nnamra Turu w f'poeżija
Kitbilhom "Din l-imħabba l-mewt biss tħollha."
Mhux kiteb seba' poeżiji ġodda
'Ma l-istess waħda bagħat lis-sebgħa kollha.



# IR-RADDA TAŻ-ŻMIEN

*Ta'* Vincent Ungaro

L-ISKRIVAN żagħżugħ tan-Nutar Michael Thompson kien għadu kemm wasal lura mill-ikla ta' nofs in-nhar, sewwa sew biex jiftaħ il-bieb ta' l-uffiċċju lil waħda xwejħa, milwija tnejn, li kienet tidher jew magħkusa ħafna, jew beżżiegħa żżejjed, biex ma kenitx tista' tidħol il-bieb mingħajr ma jwiżinha ftit hu. Il-ftit xagħar abjad qotna li kien jidher minn taħt il-kappell ċkejken u s-sfurija ta' wiċċha kollu mħarbex mis-sikka taż-żmien, kienu tassew jaqtgħu ma' dawk il-par għajnejn żoroq u safja li refgħet lejn iż-żagħżugħ.

Is-sinjura x-xwejħa, imwieżna fuq il-bastun tagħha ta' l-ebbanu, daħlet qajl qajl sa quddiem l-iskrivanija u b'leħen ċkejken qaltlu li kienet tixtieq tkellem lin-nutar. Intasbet bil-qiegħda fuq siġġu, u qagħdet tistenna.

"Dalwaqt nara jekk jistax jarak", beda ż-żagħżugħ. "Min ngħidlu li int, jekk jogħġbok?"

"Eh?" Dehret li ma kenitx fehmitu. "Nixtieq ngħidlu jeħodli ħsieb xi ħaġa"

"Iva, fhimtek. Ngħidlu x'jismek?"

Ċaqilqet ftit rasha, u tbissmet. "Le, m'hix qiegħda għandi. Qiegħda fil-karrozza hemm barra. Hi daqsxejn tqila, jekk xi ħadd jista' jnewwilhieli ftit...... Jekk jogħġbok, żagħżugħ, tista' toħroġ ftit int u twassalhieli...... Kaxxa sewda; daqsxejn tqila, tafx!"

L-iskrivan malajr reġa' lura quddiem ix-xwejħa, bil-kaxxa s-sewda fuq l-iskrivanija; staqsieha isimha mill-ġdid. Sa fl-aħħar irnexxielu jsir jaf li kien jisimha Mrs. Disney. Daħal għalhekk ġo l-uffiċċju ta' ġewwa u dlonk għarraf lin-nutar biż-żjara li kellu.

In-nutar Michael Thompson kien imdaħħal fiż-żmien ġmielu, u kien dejjem bil-geddum imdendel jew bil-buli. Fuq kollox kien xi ftit ta' rasu wkoll. Fil-professjoni tiegħu xejn ma kien jidher li kien għal qalbu, għalkemm, bis-sewwa jew bid-dnewwa, il-ħobża ta' kuljum kien idabbarha dejjem.

"Mrs. Disney tixtieq tarak, sinjur".

In-nutar ta daqqa ta' għajn kerha lejn l-iskrivan li [illegible] hin kien daħal itelliflu n-nagħsa ħelwa li kien imdorri jieħu wara l-ikla ta' nofs in-nhar. Wara ftit ħareġ fl-uffiċċju ta' barra. Fih issa kienet tidher bidla tassew tal-għaġeb. Resaq lejha bil-galbu